MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 141/2011

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Grech Thea**
**ID-399991(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta l-hlas tas-somma ta' tmin mija u seba' ewro u tnejn u tletin centezmu (€807.32c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru *AC 40140976* skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti hawn annessi: 'IZY.1' prospett ghas-servizz relattiv, 'IZY.2' ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont ta' tmien mija u seba' ewro u tnejn u tletin centezmu (€807.32c) hekk kif reklamat mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut mill-konvenuta. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ngunta in subizzjoni.

It-Tribunal ra l-verbali tad-diversi seduti li nzammu quddiemu, fejn gie dikjarat mill-Avukati tal-partijiet li kienet tezisti l-possibilita' ta' transazzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat li t-transazzjoni ma sehhitx u li ghalhekk kien jehtieg li s-socjeta' attrici tressaq il-provi taghha.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament illi l-ammont reklamat kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta kkontestat il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, baqghet qatt ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li ghalkemm il-kawza kienet differita sabiex fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2013 quddiem dan it-Tribunal il-konvenuta tressaq il-provi taghha, hi naqset milli taghmel dan.

Ikkunsidra,

Illi skond id-deposizzjoni guramentata li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici gie dikjarat illi l-ammont

reklamat in forza ta’ din l-azzjoni huwa dovut mill-konvenuta, u li ma gie mwettaq ebda hlas minnha akkont ta’ dan l-ammont, u li ghalhekk dan l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu. Illi ghalkemm il-konvenuta, permezz tar-risposta taghha, ddikjarat illi dan l-ammont mhux dovut minnha, madanakollu, naqset milli tissostanzja din l-allegazzjoni.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u seba’ ewro u tnejn u tletin centezmu (€807.23c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------